# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 228/2014**

Il-Pulizija

vs

**Roderick Grech**

iben John , imwieled H'Attard, fis-26 ta' Dicembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 66776(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roderick Grech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn Ottubru, 2013 sa Novembru, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Jennifer Grech u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Roderick Grech ipprezentat fid-29 ta' Mejju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq imsemmija fil-kawża fl-ismijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni, ħtija u piena u f'każ li l-Qorti ma jogħġobhiex tilqa` l-appell fuq ir-reita' u jogħġobha tikkonferma l-ħtija tal-appellant, l-appellant umilment jitlob li din l-Onorabbili Qorti jogħġobha sabiex fiċ-ċirkostanzi tvarja l-piena nflitta fuqu mil-Ewwel Onorabbili Qorti minn waħda karċerarja għal waħda inqas gravuża u waħda li ma tkunx timporta l-karċerazzjoni effettiva tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-akkuza hija msejsa fuq l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali li tiddisponi hekk:
"(z) Meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma"

2. Illi dan ifisser li jrid jkun hemm jew ordni tal-Qorti li hija vinkolanti u ezegwibili jew kuntratt.

3. Illi fil-kaz odjern l-akkuża hija bbażata fuq id-digriet imsemmi ta` April, 2012. Id-digriet fuq imsemmi jistipula li l-ġenituri għandhom kura u kustodja konġunta u fil-fatt it-tfal jagħmlu erba' tijiem fil-ġimgħa mal-esponenti u mal-ġenituri tiegħu.

4. Illi inoltre, stante li ma hemm l-ebda kawża pendenti u ma hemmx medjazzjoni pendenti bejnhu u bejn Jennifer Grech, dan ifisser illi l-effetti tad-digriet skadew kif ser jingħad.

5. Illi hawnhekk l-esponenti jagħmel referenza għall-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

**37.** (1) Il-kawżi kollha għal separazzjoni personali għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-Qorti Ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja: Iżda qabel jinbdew il-proċedimenti, tista' ssir talba sabiex jiġi stabbilit l-ammont tas-somma għall-manteniment fil-waqt li l-proċedimenti jkunu pendenti u għall-għoti ta` digriet li jordna l-ħlas ta` dik is-somma jew talba lill-qorti biex b'digriet tistabbilixxi liema waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, jekk ikun il-każ, għandha matul il-proċedimenti tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali.

(2) Ir-rikors li jkun fih it-talba msemmija fil-proviso għassubartikolu (1) għandha tkun debitament appuntata għas-smigħ mill-qorti u għandha tiġi notifikata lill-konvenut flimkien mal-avviż ta` dik is-seduta:

Iżda meta jkun hemm involuta l-vjolenza domestika, ir-rikors imsemmi għandu jiġi appuntat fi żmien erbat ijiem u l-qorti tista`, b'inizjattiva tagħha stess qabel ma tisma` lill-partijiet jew wara, toħroġ ordni ta` protezzjoni taħt l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u, jew ordni ta` trattament taħt l-artikolu 412D tal-istess Kodiċi, u d-disposizzjonijiet ta` dawk l-artikoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal ordni maħruġa taħt dan l-artikolu bħalli kieku din kienet ordni maħruġa taħt l-artikolu korrispondenti ta` dak il-Kodiċi:

Iżda wkoll għall-finijiet ta` dan l-artikolu u tal-artikolu 39, "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika.

(3) Il-qorti għandha tisma` lir-rikorrent u lill-intimat sommarjament u mbagħad għandha, b'digriet, tiddeċiedi fuq irrikors:

Iżda l-qorti tista` tiddeċiedi fuq it-talba meta r-rikorrent jew l-intimat jew kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat jonqsu li jidhru fil-jum tas-smigħ.

(4) Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ikun titolu eżekuttiv meqjus bħala inkluż fost id-digrieti msemmija fl-artikolu 253(*a*) tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u jkun eżegwibbli bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet kif jiġu eżegwiti atti bħal dan.

(5) Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ma jibqax eżegwibbli jekk l-azzjoni għas-separazzjoni li għaliha jingħata permess ma tinbedix fi żmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iż-żmien itwal li tista' tagħti l-qorti fl-istess digriet jew f'digriet ieħor wara.

6. Illi huwa evidenti għalhekk illi ġaladarba d-digriet għal-manteniment huwa "pendente lite" u ġaladarba li m'hemmx "lite pendente" bejnhu u bejn l-intimata jfisser illi d-digriet m'għadux iktar vinkolanti.

7. Il-proċess ta` medjazzjoni ngħalaq fl-10 ta` April, 2013 u għalhekk ġaladarba ma infetħitx kawza b'rikors ġuramentat, id-digriet "pendente lite" waqa` u ma baqgħax aktar eżegwibbili.

8. Illi għalhekk ma jistgħax jingħad li hemm ordni ta` Qorti li tista` tiġi enforzata u li tista` trendi lill-esponenti passibli kriminalment.

9. Illi inoltre, huwa m'huwiex qed iħalli lit-tfal tiegħu fil-bżonn billi huwa għandu l-kura u kustodja konġunta, u billi t-tfal qed iqattgħu iktar minn nofs il-ġimgħa miegħu, ċertament huwa ma jistgħax jiġi meqjus li mhux qed jagħmel il-parti tiegħu.

10. Illi apparti dan, digrieti ta` manteniment li jingħataw waqt proċess ta` medjazzjoni għandhom effett provvizzorju. L-Avviz Legali 12.20, fl-artikolu 9.6 jistipula:

(6) Matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista` titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull ordni provviżorju jew il-ħruġ ta` kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha.

11. Iżda imbagħad l-artikolu 10(1) jistipula:

10. (1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim wara l -proċess tal-medjazzjoni taħt ir-regolament preċedenti, hija għandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proċeduri fi żmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jiġi mogħti għal raġuni gravi.

12. Illi għalhekk jekk il-proċess ta` medjazzjoni ma jiġiex segwit b'rikors ġuramentat entro t-terminu ta` xahrejn (jew entro l-perjodu estiz mill-Qorti), kollox irid jerġa` jsir mill-gdid – kemm il-proċess ta` medjazzjoni kif ukoll kull talba u digriet pendente lite – kompriz digrieti ta` manteniment proviżorju pendente lite.

13. Illi għalhekk ukoll jiġi sottomess li ġaladarba ma hemm ebda ordni ta` Qorti li civilment tivvinkola lill-esponenti li jħallas manteniment lil martu billi l-imsemmi digriet tilef l-eżegwibilita tiegħu, tali effett għandu similment jimplika li dan għandu wkoll rifless fuq l-azzjonibilita kriminali fil-kontront tal-esponenti.

14. Illi apparti dan, mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea sussidjarja, l-piena inflitta hija gravuża u tixraq li tiġi ridotta jew konvertita f'waħda inqas gravuża. It-tfal ikunu mal-esponenti iktar minn nofs il-ġimgħa. Da parti tagħha martu telqitu, qiegħdha ma raġel ieħor u għandha tarbija minn miegħu. Huwa lest li jżomm it-tfal miegħu l-ġimgħa kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti giet infurmata mill-parte civile li ntlahqet transazzjoni fil-meritu. Il-parte civile ddikjarat li ma ghandhiex aktar interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Roderick Grech fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tillibera lil Roderick Grech taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijijet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.